MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2013

Numru. 386/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR DARRYL BORG**
**VS**
**MARCO SPADA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marco Spada ta’ 18- il sena, bin Sergio Spada u Paola nee’ Annicchiari, mwieled Italja fl- 24 ta’ April 1995, residenti ROOM 9010, La Vallette Resort, Triq id-Dragonara, Paceville u detentur tal- Karta tal- Identita’ Taljana bin- numru 2748926AA;

Talli nhar it- 30 ta’ Gunju f’ dawn il- Gzejjer ghal habta tat-3.00am gewwa San Giljan u f’ dawn il- Gzejjer kellu fil-pussess tieghu il- pjanta Cannabis jew bicca minnha;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------